MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 314/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Grazio Aquilina**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Grazio Aquilina talli fil-15 ta’ Gunju 2008 ghall-habta ta’ 15:55 hrs f’Luqa By-Pass, Santa Lucia:

(1) saq il-vettura Nru. JAO-967 minghajr ma kien qed jaghmel uzu mis-*seat belt*;

(2) saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura Nru. JAO-967 fit-triq jew f’post pubbliku meta ma kienx f’kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;

(3) saq, ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura Nru. JAO-967 fit-triq jew f'post pubbliku wara li kkonsma tant alkohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mil-limitu preskritt.

Il-prosekuzzjoni talbet li jigu applikati l-provvedimenti ta' l-artikolu 15H tal-Kap. 65 u li l-imsemmi Grazio Aquilina jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tiegh utas-sewqan ghal perijodu ta' mhux inqas minn sitt xhur;
Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-30 ta' Ottubru 2008, li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat ir-Reg. 3 u 13 ta' l-Avviz Legali 200/207 u l-artikolu 15A tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, ma sabitx lill-imsemmi Grazio Aquilina hati tat-tielet imputazzjoni u minnha lliberatu izda sabitu hati ta' l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet u kkundannatu ammenda ta' sitta u erbghin euro (€46) ghall-ewwel imoputazzjoni u erba' mija hamsa u sittin euro u sebgha u tmenin centezmu (€465.87) ghat-tieni imputazzjoni u, bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 15H(2) tal-Kap. 65, skwalifikatu milli jkollu jew jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt xhur mid-data tas-sentenza appellata;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Grazio Aquilina pprezentat fit-3 ta' Novembru ta' Novembru 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabitu hati ta' l-ewwel imputazzjoni u mhux hati tat-tielet imputazzjoni u tirrevokaha u thassarha fejn insatb hati tat-tienbi imputazzjoni u ghaldaqstant tilliberah minnha u konsegwentement tordna wkoll it-tnehhija tas-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant hu bazikament li ma kellux jinstab hati tat-tieni imputazzjoni a bazi tal-provi li ngabu mill-prosekuzzjoni. Jghid li, kuntrarjament ghar-reat kontemplat fit-tielet imputazzjoni, mhux bizzejjed li wiehed

ikun ecceda l-limitu regolamentari biex jinstab hati ta’ dan ir-reat. Jghid li jrid jirrizulta hu li jkun hemm *impairment* fis-sewqan, indipendentement minn kemm ikun il-livell tal-alkohol fin-nifs, u dan peress illi t-tolleranza ta’ l-individwu ghall-alkohol tvarja b’mod u manjera li xorta wiehed jista’ jeccedi, u anke jeccedi sew, il-livell massimu ta’ alkohol fin-nifs permess mil-ligi pero` xorta ma jiddimostra l-ebda *impairment* fis-sewqan. Dwar ir-*roadside test* jghid li ma saritx prova sodisfacenti tieghu ghax ma gietx esebita *print-out* tar-rizultat u l-anqas ma jirrizulta car min mill-ufficjali ghamel it-test. L-appellant isostni li anke kieku ghall-grazzja ta’ l-argument kellu jigi accettat ir-*reading* tar-*roadside test*, ir-rizultat tat-test preliminari wahdu ma kienx bizzejjed biex l-ewwel Qorti ssib htija dwar it-tieni imputazzjoni. Fil-kaz in ezami ma jirrizultax xi sewqan erratiku jew spavald izzejjed da parti ta’ l-appellant. L-anqas ma jirrizulta li kien hemm xi xengil jew nuqqas ta’ koordinazzjoni tal-movimenti tal-gisem tas-sewwieq, xi tkarkir tal-kliem, eccitament zejjed, jew sinjali ohra komunement riskontrabbli f’persuna xurbana. Anzi jirrizulta l-oppost. Mill-affidavits tal-Pulizija jirrizulta li l-appellant wiegeb ghal kull domanda li saritlu mill-Pulizija fuq il-lok ta’ l-incident. Minn dak li qalu dawn il-Pulizija jirrizulta li minkejja li l-appellant kellu livell ta’ alkohol fin-nifs li jeccedi l-limitu preskritt, kien ghal kollox koerenti fi kliemu u korrett u razzjonali f’imgiebtu u fl-azzjonijiet tieghu. Jghid li dak li ntqal f’**Il-Pulizija v. Jan Spiteri** deciz minn din il-Qorti fit-22 ta’ Ottubru 2008, cioe` li wiehed jirraguna b’manjiera razzjonali, jikkoopera mal-Pulizija u jirraguna b’mod edukat mal-Pulizija zgur mhux kondizzjoni li wiehed jistenna minn persuna allegatament xurbana, japplika perfettament ghal dan il-kaz. U bhalma ntqal f’dik is-sentenza, ikompli jghid l-appellant, il-fatt li l-appellant kellu riha qawwija ta’ xorb mhix prova li ma kienx f’kundizzjoni li jsuq.

L-artikolu 15A tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi hekk:

**“(1) Ebda persuna ma ghandha ssuq jew tipprova ssuq jew ikollha l-kontroll ta’ *motor-car* jew vettura**

**ohra li tkun fit-triq jew f'post pubbliku iehor jekk ma tkunx f'kundizzjoni li ssuq minhabba xorb jew drogi.**

**(2) Ghall-finijiet ta' dan l-artikolu, persuna titqies li m'hijiex f'kundizzjoni li ssuq jekk il-kapacità taghha li ssuq sew tkun ghal xi hin imnaqqsa."**

Jigifieri biex persuna tinsab hatja tar-reat kontemplat fl-ewwel subartikolu, irid jirrizulta li "il-kapacita` taghha li ssuq sew tkun ghal xi hin imnaqqsa" minhabba li tkun kkunsmat xorb jew drogi.

Fil-kaz in ezami m'hemm l-ebda dubju li l-appellant kien ikkonsma xorb alkoholiku. Dan ammettieh ma' P.S. 353 Antoine Sacco li mar fuq il-post ta' l-incident. Ghalkemm ma gie esebit l-ebda dokument li solitament jinhareg meta jsir ir-*roadside test*, ix-xiehda ta' l-istess P.S. 353 Antoine Sacco u dik ta' P.S. 576 J. Cefai u P.C. 840 Matthew Zammit hi cara dwar ir-rizultat li ta l-*breathalyser test*. Huwa minnu illi P.S. 353 jirreferi ghar-rizultat, korrettement, f'mikrogrammi (ug), filwaqt illi P.S. 576 u P.C. 840 jirreferu ghalih – evidentement erronejament – f'termini ta' milligrammi (mg), izda fl-esperjenza ta' din il-Qorti dan l-izball sfortunatament jittiehed diversi drabi. Ma jistax b'daqshekk jinghad li minhabba din il-kontradizzjoni apparenti allura din il-Qorti ghandha tinjora r-rizultat tat-test. Wara kollox il-Pulizija f'dan il-kaz kollha jirreferu ghall-figura ta' 115. Skond l-artikolu 15I(1), il-limitu preskritt ghal test preliminari tan-nifs huwa ta' 35 ug/100 ml. Jigifieri r-rizultat tal-*breathalyser test* kien tliet darbiet aktar mil-limitu preskritt. Huwa immaterjali jekk it-test sarx minn P.S. 576 jew minn P.C. 840. Kemm huma, li ssejhu fuq il-post biex isir il-*breathalyser test*, kif ukoll P.S. 353 setghu jaraw u ghalhekk jikkonfermaw ir-rizultat tat-test.

Stabbilit li l-appellant kien xorob u li l-livell ta' alkohol fin-nifs kien superjuri ghal-limitu preskritt, irid jigi stabbilit jekk il-kapacita` tieghu li jsuq sew kinitx b'daqshekk imnaqqsa.

P.S. 353 Antoine Sacco qal fl-affidavit tieghu li huwa mar fuq il-lok ta' l-incident wara li gie nfurmat mill-Kwartieri Generali tal-Pulizija li kien hemm kollizjoni fi Triq Hal-

Luqa, Santa Lucia u li kien hemm persuna feruta. Fil-fatt meta wasal sab vettura pparkjata fil-genb, l-appellant b'xi feriti f'rasu u ambulanza n-naha l-ohra tat-triq. Huwa saqsa lill-appellant ghall-partikolaritajiet tieghu u dawn inghatawlu izda meta kien qieghed jitkellem mieghu bdiet hierga riha qawwija ta' xorb minn halqu. Saqsieh jekk xorobx u huwa ammetta li kien xorob xorb alkoholiku meta kien il-festa taz-Zejtun. Wara li telaq minn hemm bil-karozza JAO-967, kif kien ghaddej minn Triq Hal-Luqa, Santa Lucia, "tilef il-kontroll tal-vettura u baqa' diehel f'sigra li tinsab mal-genb tat-triq." Cinturin tas-sigurta` ma kienx liebes.

Fil-fehma ta' din il-Qorti huma tnejn il-fatturi li juru li l-appellant ma kienx f'kundizzjoni li jsuq sew minhabba l-alkohol li kien xorob: il-fatt li *he threw caution to the wind* u ma libisx ic-cinturin tas-sigurta` u l-fatt li tilef il-kontroll tal-vettura tieghu u baqa' diehel go sigra, liema incident ma jirrizultax illi sehh minhabba involviment ta' terzi. Il-kaz citat mill-appellant **Il-Pulizija v. Jan Spiteri** kellu fattispeci kompletament differenti minn dak in ezami u ghalhekk mhux applikabbli.

Konsegwentement l-appell ma jimmeritax akkoljiment.

Ghal dawn il-motivi:

Tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata b'dan li l-perijodu ta' sospensjoni jibda jiddekorri minn nofs-il lejl tallum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------